Kunsill Lokali Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 2

Data tal-laqgħa: 25 ta' Lulju 2019

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fl-4.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Nutar Ian Spiteri – Sindku
Dott. Angelo Micallef – Viċi Sindku
Stephen Gatt – Kunsillier
Mary Louise Briffa – Kunsillier
Dott. Oliver Nicholas De Gaetano

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku, in-Nutar Ian Spiteri ippresjeda l-laqgħa.

## 2.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

2.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 2.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 1

2.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tal-Laqgħa Numru 1. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

2.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Fuq proposta tal-Viċi Sindku Dott. Angelo Micallef, li kien issekondat mill-Kunsillier Mary Louise Briffa, il-minuti ġew approvati unanimament.

## 2.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

2.3.1.1 ***<u>Central Link Project</u>***
Is-Sindku infurma lill-Kunsill li fil-leġislatura preċedenti, attenda diversi laqgħa ma' *Infrastructure Malta,* fejn dejjem ġie aċċertat lis-siġar tan-naħa ta' Ħal Balzan mhux ser jiġu affetwati b'dan il-proġett. Issa li ħareġ il-permess għal dan il-proġett, is-Sindku kellhu laqgħa urġenti mal-Inġ. Fredrick Azzopardi (IM), fejn reġa' ġie kkonfermat lis-siġar ta' Vjal De Paule, kif ukoll ta' Triq l-Imdina (il-parti li tinsab fil-konfini ta' Ħal Balzan) mhux ser jintmessu.

2.3.1.2 Is-Sindku qiegħed fuq il-mejda tal-Kunsill pjanta (il-parti ta' Ħal Balzan) tal-permess approvat għall-attenzjoni tal-Kunsill. Din il-pjanta ser tkun disponibbli fl-uffiċċju tal-Kunsill biex tiġi spezzjonata mir-residenti ta' Ħal Balzan, billi jippreżentaw il-karta tal-identita'.

2.3.1.3 Is-Sindku qal li, *Infrastructure Malta* (IM) qed jitolbu lill-Kunsill biex jidentifika siti fil-viċinanzi tal-proġett sabiex jiġi mħawwla siġar addizzjonali bħala parti minn dan il-proġett.

2.3.1.4 Il-Kunsill identifika żona fi Triq l-Imdina (il-parti bejn k/m Triq San Franġisk sal-Ambaxxata Libjana). Is-siġar jistgħu jissostitwixxu l-arbuxxelli eżistenti tal-oleander. Kif ukoll, fl-istess triq (mill-Ambaxxata Libjana sa Vjal De Paule) jista' jkun hemm spazju għat-tħawwil ta' siġar ġodda, bejn is-siġar eżistenti. Ġie nnutat ukoll li, fl-inħawi jista' jkun hemm siġar mejta li jistgħu jiġu sostitwiti b'oħrajn ġodda.

2.3.1.5 Dwar il-fetħa ta' Vjal De Paule (k/m Triq il-Ferrovija l-Qadima), is-Sindku qal li jekk tingħalaq, id-djar li hemm wara l-Corinthia mhux ser ikollhom aċċess, u għalhekk, jekk ma tinstabx soluzzjoni oħra kif ser jaċċessaw id-djar, din ser tibqa' miftuħa.

2.3.2.1 <u>Fondi għall-inizjattivi Kulturali/Soċjali mill-Fondi tal-LESA</u>
Is-Sindku infurma lill-Kunsill li attenda seminar organizzat mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar Fondi għall-inizjattivi Kulturali/Soċjali mill-Fondi tal-LESA. Is-Sindku infurma li, l-bilanċ tal-Kunsill minn dan il-Fond huwa €3,537.32c.

2.3.2.2 Is-Sindku stieden lill-Kunsilliera sabiex jaraw il-linji gwida u fil-laqgħa li jmiss, joħorġu bi proposti għal proġett jew attivita' biex il-Kunsill japplika għal dan il-Fond.

2.3.3 <u>Fondi mill-EU</u>
Is-Sindku talab lill-Kunsillier Dott. Oliver Nicholas De Gaetano biex jesplora l-possibilita' u jiġi identifikat jekk hemmx xi fondi mill-EU li l-Kunsill jista' japplika biex isir restawr ta' monumenti u postijiet storiċi.

2.3.4 <u>Kappelli ta' Triq it-Tliet Knejjes</u>
Is-Sindku qal li jixtieq li jikteb lill-Kurja, jitolbu biex flimkien mal-Parroċċa, il-Kunsill ikollu amministrazzjoni konġunta taż-żewġ kappelli li hemm fi Triq it-Tliet Knejjes. Dan biex, jekk inġibu xi Fondi, jkun jista' jsir restawr tal-pittura u tiġi nstallata sistema ta' dawl fuq ġewwa, il-Kunsill ikun jista' jibda jorganizza xi attivitajiet (bħal

kunċerti żgħar u xi laqgħat) fil-kappelli. Is-Sindku qal li dawn iż-żewġ kappelli rari jintużaw u hemm bżonn li jsir xi ħaġa biex ma jintilifx dan il-wirt storiku.

2.3.5 <u>Proġett ta' tisbiħ ta' toroq fil-qalba tar-raħal</u>
Is-Sindku talab lis-SE, biex tinfurma lill-Perit tal-Kunsill jekk hux possibbli tiġi emendata l-applikazzjoni tal-PA biex il-pavimentar fi Triq it-Tliet Knejjes jiġi estiż sa fejn il-mużew tas-subien u jinkludi l-isqaqin tal-istess triq.

2.3.6.1 <u>Toroq li qed / ser isiru minn *Infrastructure Malta*</u>
Dwar il-Wied ta' Ħal Balzan, is-Sindku qal li IM infurmawh li kif qed juri x-xogħol, jidher li mhux se jħabbathom ix-xogħol daqs l-ewwel biċċa, pero' ma jistgħux jagħtuna *time frame,* ta' meta se tkun lesta, għax ma jafux xi problemi se jsibu.

2.3.6.2 Dwar it-toroq oħra li se jsiru minn IM din is-sena, is-Sindku infurma lill-Kunsill li l-Inġ. Fredrick Azzopardi ikkonferma lit-toroq magħżula mill-Kunsill (Triq Idmejda, Triq Sir Antonio Micallef, parti minn Triq Qarċilla u Triq l-Għerusija) ser isiru minflok dawk li ġew imħabbra minn IM.

2.3.7 <u>Periklu fi Triq il-Qarċilla</u>
Is-Sindku infurma lill-Kunsill bil-periklu li hemm fi Triq il-Qarċilla. Is-Sindku qal li ta' sikwit qed jaħbtu għax qed iduru bl-addoċċ minn / għal Triq San Franġisk. Is-Sindku qal li hemm bżonn li ssir *traffic* island bis-siġar f'nofs il-pjazzetta biex tiggwida s-sewwieqa. Is-Sindku ser jiltaqa' mal-Perit fuq il-post biex jinfurmah bil-problema u jipprepara pjanta b'disinn adekwat għal *traffic island,* l'hiema pjanta tiġi ppreżentata għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

## 2.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

2.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

## 2.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Rapporti

2.5.1 <u>Rapport Finanzjarju għat-tieni kwart minn Jannar sa Ġunju 2019</u>
Is-SE qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju għat-tieni kwart minn Jannarl sa Ġunju 2019. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. Is-SE tat xi spjegazzjonijiet lill-Kunsill.

2.5.2 Fuq proposta tal-Viċi Sindku Dott. Angelo Micallef, li kien issekondat mill-Kunsillier Dott. Oliver Nicholas De Gaetano, dan ir-rapport ġie approvat unanimament.

## 2.6 Ħatra ta' Sottokumitati

2.6.1 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li mhux se jifforma Sottokumitati għar-responsabbiltajiet tiegħu.

2.6.2 Il-Viċi Sindku Dott. Angelo Micallef ippropona lil Danielle Sant bħala membru fis-Sottokumitat tal-Edukazzjoni.

2.6.3 Il-Kunsillier Stephen Gatt se jipproponi membru/i fil-laqgħa li jmiss.

2.6.4 Il-Kunsillier Mary Louise Briffa pproponiet lil Catherine Zerafa bħala membru fis-Sottokumitat għall-Anzjani, iż-Żgħażagħ u tfal. Hi qalet li kienet ser tipproponi membru għas-Sottokumitat taż-Żgħażagħ pero' m'aċċettax għax qal li ma sabx għajnuna mill-Kunsill meta kellhom bżonn, speċjalment meta talab l-għajnuna tal-Kunsill biex isibu *premises* għaċ-Ċentru taż-Żgħażagħ.

2.6.5 Is-Sindku qal, li bħala Kunsill qatt ma rċieva rikjesta għall-*premises* miċ-Ċentru Żgħażagħ. Is-SE ikkonfermat dan. Is-Sindku qal li l-Kunsill żgur li m'għandux *premises* x'joffrilhom. Qal ukoll, li bħala Kunsill, kull meta talbu l-għajnuna tal-Kunsill, dejjem għen fejn seta' liċ-Ċentru taż-Żgħażagħ.

2.6.6 Il-Kunsillier Dott. Oliver Nicholas De Gaetano ppropona lil Maria Smith bħala membru fis-Sottokumitat responsabbli mill-Ħarsien tal-Annimali.

2.6.7 Il-Kunsillier Dott. Oliver Nicholes De Gaetano irringrazzja lis-Sindku u lis-SE tal-għajnuna li tawh sabiex ġiet ippreparata u sottomessa l-applikazzjoni għall-*LC Care Project Grant Support Scheme* (SPI/SCI/09/2019).

2.6.8 Il-Kunsill unanimament approva dawn il-membri. Membri oħra jiġu mressqa għall-approvazzjoni aktar 'il quddiem.

## 2.7 Kontenituri tal-*Bring-in-Site* f'Wesgħa Profs. Ġuże' Aquilina

2.7.1 Is-Sindku semma l-problema kbira ta' skart li qed jintefa' madwar il-*Bring-in-Site* f'Wesgħa Profs. Ġuże' Aquilina. Is-sitwazzjoni, għalkemm hemm *CCTV cameras* installati u min jabbuża qed jiġi mħarrek, baqgħet tiddeterjora ruħha fejn l-ammont ta' skart, speċjalment dak goff madwar il-kontenituri dejjem jiżdied.

2.7.2 Għalhekk is-Sindku qed jipproponi li, jew jitneħħew il-kontenituri kollha jew jitħallew il-kontenituri tal-ħġieġ biss. Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li nħallu l-kontenituri tal-ħġieġ biss bi prova sa Diċembru, biex naraw is-sitwazzjoni kif ser tiżviluppa.

2.7.3 Il-Kunsill unanimament qabel li għandhom jitneħħew il-kontenituri kollha (inkluż tal-ħwejjeġ), minbarra dawk tal-ħġieġ b'mod immedjat. Il-Kunsill qabel ukoll li f'Diċembru terġa' tiġi diskussa l-kwistjoni, biex jekk jibqa' jsir abbuż, jiġi kkunsidrat li jitneħħew il-kontenituri tal-ħġieġ ukoll.

2.7.4 Is-Sindku qal li qed jidħlu diversi lmenti dwar boroż li mhux qed jinġabru u *piling* li qed isir mill-kollettur ta' ġbir ta' skart. Il-Kunsill qabel li ssir laqgħa mal-kuntrattur.

## 2.8 *One-Way System* fi Triq Ġuże' Bonniċi u toroq tal-madwar

2.8.1 Wara li f'April 2018 ġiet implimentata l-*One-Way System* fi Triq Ġuże' Bonniċi u t-toroq tal-madwar, is-Sindku xtaq iressaq proposta fuq din il-materja. Is-Sindku qal li ma kienx qabel ma kif ġiet approvata għax din is-sistema ħolqot konfużjoni għax iktar qed jgħaddi traffiku minn dawn it-toroq għax qed jużawha bħala *shortcut*.

2.8.2 Is-Sindku qed jipproponi s-sistema skont *site plan* (Dok 1). Jekk din tiġi implimentata, it-traffiku minn dawn it-toroq jonqos drastikament. Kopja ingħatat lil kull kunsillier. Fl-opinjoni tiegħu, is-Sindku qal li hemm 3 *options:*

1. Li tiġi kif kienet qabel (*two-way*);
2. Li tibqa' kif inhi preżentament;
3. Li tiġi skont kif qed jipproponi s-Sindku .

Dan sakemm ma joħorġux b'xi proposta oħra l-Kunsilliera.

2.8.3 Preżenti kien hemm resident minn waħda mit-toroq tal-madwar, fejn spjega t-tħassib tiegħu dwar is-sistema preżenti u lmenta dwar il-proċess ta' kif ġiet implimentata. Is-Sindku qal li, biex bħala residenti, jaħtru rappreżentant (jew tnejn), biex jitkellem/mu f'isem ir-residenti ta' din iż-żona.

2.8.4 Il-Kunsill iddiskuta u s-Sindku stieden lill-Kunsilliera biex jevalwaw il-proposta tiegħu biex din il-kwistjoni tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss. Is-Sindku qal li wara li tiġi approvata mill-Kunsill, qabel ma tiġi implimentata, jissejħu r-rappreżentanti maħtura biex jiddiskutu magħhom f'isem ir-residenti.

2.8.5 Is-Sindku ippropona biex immedjatament isiru *dyl* fi Triq Ġuże' Bonniċi bejn il-pjazza u Triq Wiġi Ebejer (in-naħa tal-bandli) għax għalkemm mhux suppost jipparkjaw, regolarment qed jipparkjaw xorta u qed jinħoloq konġestjoni sħiħa. Il-Kunsill unanimament approva u ser napplikaw għal permess ma' TM.

## 2.9 Jum Ħal Balzan 2019

2.9.1 Din il-materja ser tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss sabiex tiġi magħżula l-ġurnata u jiġi deċiż il-programm.

2.9.2 Is-SE ser tibgħat ir-regolamenti għal Premju Ġieħ Ħal Balzan lill-Kunsilliera sabiex ikunu jistgħu iressqu n-nominazzjonijiet tagħhom lis-SE, biex jiġu diskussi fil-laqgħa li jmiss.

## 2.10 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

2.10.1.1 <u>Talba għal bozza ġdida fi Vjal il-Bon Pastur</u>

Resident qed jitlob biex issir bozza ġdida fuq l-arblu li diġa' hemm quddiem 66, Vjal il-Bon Pastur għax hemm id-dlam.

2.10.1.2 Il-Kunsill unanimament approva.

2.10.2.1 <u>Ċirkulari Numru SPI/SCI/11/2019 – Għajnuna Finanzjarja għall-Korsijiet ta' Tagħlim tul il-Ħajja *(Lifelong Learning)*</u>
Ġiet innutata Ċirkulari Numru SPI/SCI/11/2019 – Għajnuna Finanzjarja għall-Korsijiet ta' Tagħlim tul il-Ħajja *(Lifelong Learning)* mibgħuta mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.

2.10.2.2 Il-Viċi Sindku infurma lill-Kunsill li qed jipprova jsib post (Skola Primarja San Alwiġi jew Skola Primarja Lija/Balzan/Iklin) fejn jistgħu isiru l-korsijiet biex norganizzaw il-kors *ICT for Beginners.* Jekk ma nsibux post attrezzat bil-kompjuters, ma nisgħux napplikaw. Mil-lista ta' korsijiet li jistgħu jiġu organizzati, il-kors tal-kompjuter huwa l-aktar wieħed li hemm ċans li jirrikorru għalih ir-residenti.

2.10.3.1 <u>*Pink October Campaign* 2019</u>
Ġiet innutata ittra mibgħuta minn *The Marigold Foundation* flimkien mas-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali u l-Komunitajiet, fejn qed jistiednu lill-Kunsilli Lokali biex jieħdu sehem fil-*Pink October Campaign 2019* billi jixgħelu post monumentali fil-lokalita` bil-kulur roża matul ix-xahar ta' Ottubru.

2.10.3.2 Il-Kunsill qabel li jipparteċipa billi nixgħelu l-bandli u l-faċċata tal-uffiċċju tal-Kunsill. Ser jinġiebu kwotazzjonijiet għal kiri u/jew xiri ta' *spotlights* bil-kulur.

2.10.4.1 <u>Talba għal *traffic calming measures* fi Triq il-Providenza</u>
Resident fi Triq il-Providenza qed jitlob li jiġu implimentati xi tip ta' *traffic calming measures* fit-triq għax karozzi qed jgħaddu b'veloċita' eċċessiva.

2.10.4.2 Il-Kunsill iddiskuta u ma jsibx oġġezzjoni li ssir sleeping policeman. Pero' qabel mal-Kunsill japplika għal permess ma' TM, ir-resident irid iġib approvazzjoni tar-residenti tat-triq kollha li jaċċettaw li ssir sleeping policeman.

2.10.4.3 L-istess resident qed jitlob il-permess tal-Kunsill sabiex iwaħħal xi tip ta' protezzjoni tal-metall madwar il-*bollard* tat-*travertine* li għandu maġenb il-bieb ta' barra għax vetturi kbar qed jolqtulu din il-*bollard* peress lit-triq dejqa u żgħira u l-ħsejjes jinstemgħu aktar.

2.10.4.4 Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni.

2.10.5.1 <u>*European Week for Waste Reduction*</u>
Is-SE infurmat lill-Kunsill li f'Settembru se jerġgħu jiftħu l-applikazzjonijiet għal *European Week for Waste Reduction,* fejn il-Kunsill jista' jorganizza xi attivitajiet relatati fil-ġimgħa ta' bejn is-16 u l-24 ta' Novembru, bil-possibilta' li tintrebaħ is-somma ta' €1,000.

2.10.5.2 Il-Viċi Sindku Dott. Angelo Micallef, flimkien mal-Kunsilliera Stephen Gatt u Mary Louise Briffa ser jaħdmu flimkien biex joħorġu b'xi attivita' li tista' tiġi organizzata. Ser tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

2.10.6.1 <u>Ċirkulari Numru SPI/SCI/12/2019 - Skema dwar Restawr ta' Postijiet/Monumenti Storiċi f'Malta</u>
Ġiet innutata Ċirkulari Numru SPI/SCI/12/2019 - Skema dwar Restawr ta' Postijiet/Monumenti Storiċi f'Malta mibgħuta mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.

2.10.6.2 Il-Kunsill unanimament qabel li nerġgħu napplikaw biex tiġi rrestawrata l-istatwa ta' Santa Marija.

2.10.7.1 <u>Ilmenti dwar l-*Embellishment* tal-bankina ta' fejn is-siġra tal-ficus</u>
Residenti qed jilmentaw li ma jridux li jsiru bankijiet f'dik il-parti għax ser jibdew jintefgħu nies tard filgħaxija u jibda jkun hemm storbju.

2.10.7.2 Il-Kunsill irrimarka li issa kif ġiet il-bankina, m'għadx post hemm fejn jitpoġġew bankijiet.

2.10.8.1 <u>Librerija fil-lokalita'</u>
Residenta qed tikteb dwar il-possibilta' li tiġi mwaqqfa librerija fil-lokalita'. Hi interessata li tgħin fit-twaqqif u fl-operat, kif ukoll lesta li tagħti xi kotba.

2.10.8.2 Ġie nnutat li fil-lokalita' m'hawnx post fejn issir librerija pubblika u għalhekk il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li ssir Librerija Miftuħa, bħal ma' qed isir f'diversi ġonna f'lokalitajiet oħra. Il-Kunsill qabel ma' dan il-kunċett u l-Viċi Sindku ser jiġbor aktar informazzjoni għal-laqgħa li jmiss.

2.10.9.1.1 <u>Suġġerimenti fuq il-festa tar-raħal</u>

Il-President tas-Soċjeta' Filarmonika Marija Annunzjata irringrazzja lill-Kunsill Lokali tal-koperazzjoni biex ittellgħat festa oħra li kienet ta' suċċess, kif ukoll lill-kunsilliera kollha li kienu preżenti waqt l-attivitajiet organizzati mis-Soċjeta'. Qed jissuġġerixxi, biex għas-snin li ġejjin, tal-gabbani jkunu nfurmati minn liema triq iridu jidħlu biex jaslu sal-post assenjat lilhom. Dan peress li numru ta' toroq ikunu magħluqin, u qed jispiċċaw ikollhom joqgħodu jduru mar-raħal biex isibu minn fejn jidħlu.

2.10.9.1.2 Dan is-suġġeriment ġie approvat.

2.10.9.2.1 Apparti minn hekk, il-President wera d-diżappuntat li, wara l-marċ ta' filgħodu ma sarx ġbir ta' skart, u dan wassal biex il-vara għaddiet minn ħdejn munzell ta' boroż suwed li tħallew fil-pjazza mill-kennies. Apparti minn hekk qal li l-kennies ma kienx mogħti struzzjonijiet ta' fejn għadda l-marċ biex jiknes it-toroq kollha, b'riżultat li kien għad hemm toroq mimlija bil-karti.

2.10.9.2.2 Is-SE infurmat lill-Kunsill li, kull sena l-arranġament ikun li l-iskart jinġabar filgħodu, kif fil-fatt ġara. Dwar il-knis, is-SE infurmat li l-kuntrattur kien infurmat bl-iskeda ta' minn fejn ser jgħaddi l-marċ u l-knis sar minnufih kif kien skedat u ma kienx hemm ilmenti dwar dan. Ovvjament, jekk kien għad hemm xi karti fit-toroq, dan kien konsegwenza tar-riħ li kien hemm fil-ġranet tal-festa. Il-Kunsill qabel li ma jħossx li hemm ħtieġa li l-iskart jinġabar darbtejn nhar il-Ħadd tal-festa.

2.10.9.3.1 Resident qed jilmenta dwar il-projbizjoni li ma jinħarġux permessi għal-użu ta' krejn jew makkinarju fiż-żmien li jkun hemm l-armar tal-festa f'diversi toroq.

2.10.9.3.2 Is-SE qalet li l-*policy* tal-Kunsill hija li ma jinħarġux permessi ta' dan it-tip minn 3 ġimgħat qabel sa ġimgħa wara l-festa. Ġie nnutat li f'dan il-perjodu ta' projbizzjoni, il-Kunsill jiċċekkja ma' tal-għarmar, u f'każ li triq tkun għadha ma ġietx armata, jew ix-xogħol rikjest ma jkunx ser isir ħsara lill-għarmar, il-permess jinħareġ xorta.

2.10.10.1 <u>*Primary Health Care Educational Talks*</u>

Ġiet innutata korrispondenza mibgħuta mill-*Primary Health Care* dwar sessjonijiet edukattivi dwar is-saħħa li jistgħu jiġu organizzati.

2.10.10.2 Il-Kunsill interessat jorganizza 3 sessjonijiet:
1. *Prevention and Management of Diabetes*
2. *Cancer screening services*
3. *Kidney Disease – risk factor and prevention*

2.10.10.3 Is-SE ser tinfurma lill-*Primary Health Care* bl-interess tal-Kunsill u ser tiċċekkja magħhom x'tinvolvi biex jiġu organizzati. Dawn il-sessjonijiet jistgħu jiġu organizzati fis-Sala Aurora. Il-Kunsillier Stephen Gatt se jkellem lill-Kappillan. Jekk dawn jiġu organizzati, ir-residenti jiġu nfurmati billi nqassmu avviz f'kull residenza.

2.10.11.1 <u>Ċirkulari AKL 2019/073 – Sejħa għall-Kunsilli Lokali li huma interessati li jipparteċipaw fil-proġett ADMIN4ALL</u>

Ġiet innutata Ċirkulari AKL 2019/073 – Sejħa għall-Kunsilli Lokali li huma interessati li jipparteċipaw fil-proġett ADMIN4ALL mibgħuta mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali.

2.10.11.2 Il-Kunsillier Stephen Gatt ser jiċċekkja f'hiex jikkonsisti dan il-proġett u jekk huwa ta' benefiċċju għar-raħal, il-Kunsill jaqbel li jipparteċipa.

2.10.12.1 <u>Ċirkulari Numru SPI/SCI/13/2019 – Espressjoni ta' Interess: *Clean Up the World* 2019</u>

Ġiet innutata Ċirkulari Numru SPI/SCI/13/2019 – Espressjoni ta' Interess: *Clean Up the World* 2019 mibgħuta mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.

2.10.12.2 Il-Kunsill mhux se japplika għax ser jaħdem fuq attivita' għal *European Week for Waste Reduction.*

2.10.13.1 <u>*Parking* fuq il-bankina ta' fejn Skarpoli</u>

Residenta qed terġa' tilmenta fuq l-*MC Bay* li saret fuq il-bankina ta' fejn Skarpoli għax apparti li ntilef *parking,* qed jipparkjaw bl-addoċċ fuq il-bankina.

2.10.13.2 Ser ssir laqgħa fuq il-post mar-residenta biex tispjega aħjar is-sitwazzjoni.

2.10.14.1 <u>Servizz ta' trasport għall-anzjani</u>

Il-Kunsillier Dott. Oliver Nicholas De Gaetano infurma lill-Kunsill li diversi anzjani esprimew ix-xewqa li l-Kunsill jibda joffri servizz ta' trasport għall-anzjani bħal mhu qed jiġi pprovdut f'diversi lokalitajiet. Dan is-servizz ikun b'xejn, fejn l-anzjani nwassluhom iċ-ċentru tas-saħħa u l-isptar Mater Dei.

2.10.14.2 Ser niġbru aktar informazzjoni minn Kunsilli oħra li diġa' joffru dan is-servizz, kif ukoll inġibu kwotazzjonijiet ta' *minibus*, biex joffri dan is-servizz darba f'ġimgħa.

2.10.15 ***BBQ Night***

Il-Kunsillier Mary Louise Briffa nfurmat lill-Kunsill li qed tipprova torganizza *BBQ Night* bħala ħarġa għax-xahar ta' Awwissu.

## 2.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

2.11.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti nru. 7/19 li tammonta għas-somma ta' €25,754.56c, li tinkludi l-ammont ta' €93.46c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Ġunju 2019. Ir-rendikont tal-*Petty Cash* jinsab mehmuż mal-iskeda ta' pagamenti.

2.11.2 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Viċi Sindku Dott. Angelo Micallef, li kien issekondat mill-Kunsillier Dott. Oliver Nicholas De Gaetano. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 2.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

2.12.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.00pm.

2.12.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tlieta, 27 ta' Awwissu 2019 fl-4.00pm.

Konfermati, it-Tlieta, 27 ta' Awwissu 2019.

| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
|---|---|
| Nutar Ian Spiteri<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |

# Dok 1


Balaguer
Crazy Safety Malta
Dimech
Zahr
Guze Bonnici
Annunzjata
Tacticarms Malta
Except for Route Buses
Wigi Ebejer
Hal Balzan Local Council
Fra Giuseppe
Kazin tal-Banda San Gabriel
Balzan Parish Church
Main St
Balzan
Rojolin Bakery
Triq It- Tliet Knejjes
Balzan Police Station
Zahra